**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 6 ta' Marzu, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Kurt Zahra)**

**vs**

**Etienne Bartolo, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 350780M**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Etienne Bartolo u ċioè talli:

> Nhar it-28 ta' Frar, 2018, naqas li josserva xi kundizzjoni imposta fid-digriet maħruġ mill-Onorevoli Imhallef Dr. Giovanni Grixti LL.D. nhar l-20 ta' Diċembru, 2017, li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija;
>
> Il-Qorti ġiet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabli għall-imsemmi reat, tirrevoka *'contrario imperio'* d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta' l-imsemmi Etienne Bartolo. Kif ukoll tordna li l-ammont stabbiliti bħala garanzija personali jgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-1 ta' Marzu, 2018, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjoniji migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u

cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-akkuza migjuba hi dik li l-imputat naqas li josserva kundizzjoni imposta b'digriet tal-Onor. Imhallef Dr. Giovanni Grixti moghti nhar l-20 ta' Dicembru, 2017.

Illi mill-atti esebiti ma jirrizulta ebda digriet moghti mill-Qorti Kriminali f'dak il-jum tal-20 ta' Dicembru, 2017, izda l-unika digriet moghti mill- Onor. Imhallef Dr. Giovanni Grixti kien dak moghti fit-12 ta' Jannar, 2018 meta mill-atti esebiti jidher li kienet saret talba lill-Qorti Kriminali biex jidhol fis-sehh digriet tal-20 ta' Dicembru, 2017.

Illi fil-kaz in dezamina, meta giet kkunsdrata d-dokumentazzjoni esebita, minn imkien ma jirrizulta li nhar l-20 ta' Dicembru, 2017, l-Onor Imhallef Dr. Giovanni Grixti hareg xi digriet, izda jirrizulta biss li nghata digriet mill-imsemmi Imhallef nhar it-12 ta' Jannar, 2018.

Illi l-Qorti ezaminat ukoll l-interrogazzjoni awdio-viziva fejn jirrizulta li l-kundizzjoni li nkissret minn Bartolo kienet dik dwar rinkazar. Mill-atti esebiti **ma jirrizultax li l-imputat kiser xi kundizzjoni ta' rinkazar imposta b'digriet tal-20 ta' Dicembru, 2017 moghti mill-Onor Imhallef Grixti**, hekk kiif addebitat lilu fl-akkuza li saret ammissjoni fuqha mill-istess Bartolo. Fil-kors tal-istess interrogazzjoni tissemma anke kundizzjoni dwar l-obbligu li l-imputat jiffirma f'Ghassa, u anke hawn ma tirrizulta ebda obbligazzjoni simili maghmula f'xi digriet tal-Onor Imhallef Dr. Giovanni Grixti izda mid-dokumentazzjoni esebita mill-prosekuzzjoni tali kundizzjoni tirrizulta f'digriet moghti mill-Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima nhar it-28 ta' Gunju, 2017 fejn jidher li l-imputat obbliga ruhu dwar dik il-kundizzjoni kif ukoll kundizzjonijiet ohrajn nhar it-12 ta' Jannar, 2018.

Issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Falzon:**[1]

Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta'l-appellanti hija konfliggenti mal-provi l-ohra li hemm fl-atti, senjalatament l-istqarrija tieghu stess ghaliex minn din ta'l-ahhar jirrizulta illi huwa ikkometta r-reati addebitati lilu mhux f'Awwissu, izda f'Settembru 2013 u kwindi huwa ammetta ghall-fatti li ma kenux gew kommessi minnu ghal ta'l-anqas mhux fid-data indikata fl-akkuza, izda xahar wara. Illi d-dottrina fir-rigward tal-valur probatorju ta'l-ammissjoni maghmula mill-persuna akkuzata tghallimna illi:

"*Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga` kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fis-sentenza tagha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollez. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni* ***jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta' reat.***[2] "(sottolinjar tal-Qorti)

Illi fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad illi l-appellanti qieghed jallega illi huwa ma fehemx in-natura ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, jew inkella li ma kenitx l-inetnzjoni tieghu li jammetti, izda jirrizulta mill-atti illi abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghal tali akkuzi billi ma kenux jissussistu fid-data indikata fl-akkuza. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas procedurali daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom. Kwindi din il-Qorti ma ghandhiex trqi ohra hlief li tghaddi sabiex tannulla id-decizjoni appellata u dan billi tirrizulta decizjoni hazina fuq il-mertu u dan kif previst fl-artikolu 428(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fis-sentenza moghtija mill-istess Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Godfrey Formosa** nghad:[3]

Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta'l-appellanti ma tirriflettiex l-fatti li jemergu mill-provi li hemm fl-atti, ....

Allura dan iwassal ghal konkluzjoni illi minn ezami tal-atti u abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghall-ewwel imputazzjoni billi r-reat qatt ma seta' jirrizulta. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Mhux biss izda l-artikolu 392(A)(3) jimponi fuq il-Qorti illi:

[1] Deciza 19 ta' Novembru 2015; Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Appell numru 385/2015.

[2] Il-Pulizija vs Martin Camilleri 20/01/1995 (Vol.LXXIX.v.1538)

[3] Deciza 26 t'Ottubru, 2017 per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Appell numru.99/2017.

*"..... meta jkun hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat, il-qorti għandha, għalkemm l-akkużat ikun stqarr li hu ħati, tordna li l-proċeduri jkomplu jitmexxew 'l quddiem, bħallikieku l-akkużat ma weġibx li hu hati."*

Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom…..

Illi ghalkemm l-artikolu 436(3) tal-Kodici Kriminali mhux wiehed mill-artikoli rezi applikabbli specifikatament ghall-Qrati tal-Magistrati bl-artikolu 525 tal-Kodici, mhemmx dubbju li din il-Qorti tkun qed tonoqs serjament mid-doveri taghha jekk issib persuna hatja ta' fatti li ma jirrizultawx mill-provi prodotti anzi fejn l-istess provi joffru fatti konfliggenti.

Illi fid-dawl tar-rizultanzi processwali u fuq dan l-insenjament, l-imputat qed jigi liberat minn kwalunkwe htija u piena fuq l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Finalment fir-rigward tal-akkuzi adebitati lill-imputat il-Qorti ma tistax ma tosservax li galadarba l-prosekuzzjoni taghzel li takkuza lill-imputat bir-reat ravvizat bl-artikoli 579(2) u (3) tal-Kodici Kriminali, kif emendati bl-*Att VIII tal-2015*, b'differenza ghall-procedura stabbilita ai termini tal-artikolu 579(1) tal-Kodici, din il-Qorti ma jkun jifdalla ebda diskrezzjoni bhal dik prevista bil-*proviso* ghall-artikolu 579(1) tal-Kodici Kriminali, fejn meta jitqies li l-ksur ta' xi kundizzjoni imposta fid-digriet li bih persuna jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja, il-Qorti ghandha diskrezzjoni lii ma taghmilx ordni sabiex is-somma msemmija fl- obbligazzjoni tal-garanzija tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta. Tenut kont li meta persuna tigi akkuzata bir-reat ravvizat bl-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta tassativament, jibqa' obbligu inkombenti fuq il-prosekuzzjoni li tgharaf tiddistingwi kaz minn iehor.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**